MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 97/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. I. Abdilla)**
**Vs**
**Josef Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil- perjodu ta' bejn l- 1 ta' Jannar, 2007 u l- 31 ta' Marzu, 2007, f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- ligi w li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. b' mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi

grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn Lm1,000.00 (illum Euro 2329.37) ghad-dannu tal-kumpanija P. Cutajar Limited u xi persuni ohra (dan bi ksur ta’ l- Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta);
2. Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal-persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita` tieghu ta’ salesman taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat u cioe` approprja ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ aktar minn Lm1,000 (illum Euro 2329.37), liema flejjes jappartjenu lill-kumpanija P. Cutajar Limited u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju (dan bi ksur ta’ l- Artikoli 293, 294 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Marzu, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ sentejn (2), liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin.
Inoltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28H tal-Kap. 9, il-Qorti ordnat lill-appellat biex jirrestitwixxi lill-parti offiza s-somma ta’ hames telef u sebgha w disghin Euro w disgha w sebghin Euro centezmu (€ 5097.79) fi zmien sitt (6) xhur.
Il-Qorti spjegat lill-appellat fi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta’ tieghu taht l-artikolu 28H jekk ma jikkonformax ruhu ma’ l-ordni ta’ restituzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 t’April, 2008, li bih talab li din il-Qorti

joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Josef Abela, w wara li terga' ssib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, tinfliggi piena gdida ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti, fil-qosor, fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti naqset li tiehu kont tar-recidiva w kwindi ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tinfliggi l-piena w l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ghamletx talba biex l-Ewwel Qorti tiehu r-recidiva in konsiderazzjoni ma kienx jeskludi li l-Ewwel Qortu kellha tikkonsidra dan il-fatt li ampjament jirizulta mill-atti tal-kawza w senjatament mill-fedina penali tal-appellat. Ghalhek l-Ewwel Qorti ma setghet qatt taghti sentenza sospiza ai termini tal-artikolu 28A peress li saret l-prova tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008, li bih Dottor Roberto Montalto ghall-appellat eccepixxa n-nullita' tal-appell ghax l-aggravju mhux rifless fit-talba ghax fil-waqt li l-aggravju uniku tal-Avukat Generali huwa imsejjes fuq dikjarazzjoni ta' recidiva tal-appellat ommessa mill-Ewwel Qorti, t-talba li qed issir mill-Avukat Generali ma tinkludix talba sabiex l-appellat jigi dikjarat recidiv.

Semghet it-trattazzjoni fuq din il-pregudizzjali,

Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni tal-15 ta' Lulju, 2008;

Rat ir-Risposta tal-appellat tat-23 ta' Lulju, 2008;

Rat in-Nota ta' riferenza tal-appellat tat-8 t' Awwissu, 2008;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-13 t' Awwissu, 2008;

Rat l-ordni taghha biex l-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari,

Rat is-sentenza taghha tallum stess fejn irrespingiet l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors tal-appell w ordnat l-prosegwiment tal-kawza.

Semghet lil Michael DeGaetano, in rapprezentanza tad-ditta li hi parte civile f' din il-kawza, dwar x' pagamenti lura lahaq ghamel s' issa l-appellat;

Rat il-verbal tal-lum stess li bih l-appellat iddikjara li hu propens ihallas lura l-ammont bilancjali ta' € 5097.79 lill-parte civile fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-mertu tal-appell

Ikkonsidrat;

li dan l-appell hu limitat ghall-piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, li skond il-Prosekuzzjoni ma setghetx tinghata minnhabba l-ezistenza tar-recidiva tal-appellat wara s-sejbien ta' htija tieghu wara l-ammissjoni tieghu.

Issa hu minnu illi l-artikolu 28A (7) (b) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :-

“Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu ma ghandux isir f’ xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-

(**b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50”**

Pero' f' dan il-kaz ma kienetx giet addebitata lill-appellat ir-recidiva fl-akkuza bic-citazzjoni w lanqas ma jirrizulta mill-verbali tal-process li f' xi stadju giet kontesta lilu, anki f' xi trattazzjoni orali, r-recidiva. Lanqas ma jidher li gie verbalizzat li l-Prosekuzzjoni kienet qed tinsisti li fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti tqis lill-appellat bhala

recidiv. Ghalhekk tqum il-kwistjoni jekk f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti kellhiex *marte propria*, teskludi l-applikazzjoni tal-art. 28A minnhabba l-fatt li l-appellat kien recidiv.

Il-Prosekuzzjoni, in sostenn ghall-pozizzjoni taghha li fil-fatt hekk kellu jsir u li l-Ewwel Qorti kellha tiggwida ruha fuq il-fedina penali tal-appellat esebita mac-citazzjoni, ghamlet riferenza ghal diversi awturi Taljani w senjatament ghall-siltiet mix-xogholijiet taghhom li hi ukoll esebiet. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dawn is-siltiet u tara li l-unici brani li jistghu b' xi mod rilevanti jincidu fuq il-kwistjoni in meritu huma dawk kontenuti fil-MANZINI u fil-BORGHESE.

Il-**MANZINI** (Trattato Di Diritto Penale Italiano, Vol. II, Parte I, p.774 u 775) jikkumenta hekk :

*"La recidiva deve essere contestata in specie e grado, cosi' che non si puo' passare, senza nuova contestazione, dalla recidiva semplice alla aggravata. Ma l-obbligo della contestazione sussiste soltanto allorche' si debba valutare la recidiva come aggravante; non quando le recidiva e' considerata come ostacolo alla concessione d' un beneficio (es. diminuzioni facoltative, condanna condizionale, indulto, amnestia), nella quale ipotesi se ne deve tener conto anche se non sia stata contestata*." (sottolinear ta' din il-Qorti)

*"Se la sentenza anteriore o il certificato penale non fossero stati allegati al processo o se la circostanza della recidiva non fosse stata in alcun modo contestata, o se il giudice non avesse applicato l-aggravamento, il giudice di appello non potrebbe applicarlo, qualora il pubblico ministero non avesse appellato su tal punto"*

Il-**BORGHESE** - "Codice Penale Italiano" (1953) p.175 jikkummenta li :

*"Normalmente la recidiva risulta dal certificato del casellario guidiziale; le annotazioni di questo pero' non avendo carattere costitutivo, ma solo certificativo, la recidiva puo' trarsi, indipendentemente da esso, da altro*

*documento, come la copia autentica o l' estratto di una sentenza di condanna. (Cass.9 maggio 1934, Garolla , In Giust.pen., 1935 , II, 234)*

u jkompli jghid :

*"…Per la contestazione della recidiva basta la lettura in udienza dei precedenti penali …."*

Illi l-appellat invece ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Miriam Sant**" [26.1.1998] F' dik il-kawza pero' ma gietx trattata direttament il-kwistjoni odjerna. Dak kien kaz fejn l-appellanti Sant kienet instabet hatja tal-akkuza li tlajjat ghal skop ta' prostituzzjoni w tal-addebitu tar-recidiva li kien inkluz fl-akkuza. Din il-Qorti diversament preseduta rriteniet li ma setghetx tinstab hatja tal-addebitu tar-recidiva f' dak il-kaz biss fuq il-fedina penali esebita, cioe' dak id-dokument mahrug mid-Dipartiment tal-Pulizija li juri l-antecedenti penali ta' persuna skond ir-registri tal-istess Pulizija, ghaliex din ma kienetx prova sufficjenti ghall-fini ta' akkuza ta' recidiva <u>li kienet giet akkuzata biha</u>. Pero' dik il-Qorti ziedet tghid li tali fedina penali setghet tittiehed in konsidserazzjoni ghall-finijiet ta' piena, kemm il-darba ma jkunx hemm kontestazzjoni dwar il-korrettezza taghha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti din is-sentenza ma ssolvix il-kwistjoni odjerna kif qed jippretendi l-appellat, liema soluzzjoni jidher li tinstab proprju fid-distinzjoni li jaghmel il-Manzini fuq citata fejn jghid li biex tinstab htija ta' recidiva biex isservi ta' aggravanti tar-reat din tkun riedet giet kontestata lill-akkuzat espressament jew fl-istess akkuza jew f' xi talba jew sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. Pero' ma hemmx il-htiega li dan isir biex Qorti ta' gustizzja penali tiehu kont tar-recidiva ta' akkuzat biss ghall-fini tal-erogazzjoni tal-piena meta tkun qed tikkonsidra xi diminuzioni fakultattiva fil-piena, xi kundanna kondizzjonali, ecc. kif inhu l-kaz odjern.

Ikkonsidrat;

Illi mill-process (fols. 3 sa 5) jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet esebiet quddiem l-Ewwel Qorti l-fedina penali tal-appellat proprju mac-citazzjoni. Issa minn din il-fedina penali jirrizulta li l-appellat sad-data tal-kommissjoni tar-reati ammessi minnu kien gja gie misjub hati mill-Qrati ta' delitti relatati mal-kacca illegali fl-20 ta' Mejju, 2002 u fit-28 ta' Marzu, 2007. Fl-ewwel kaz gie kundannat ghall-multa w fit-tieni kaz gie liberat b' kondizzjoni skond l-artikolu 22 tal-Kap.446. Ir-reati ammessi mill-appellat f' din il-kawza sehhew bejn l-1 ta' Jannar, 2007 u l-31 ta' Marzu, 2007. Ghalhekk jirrizulta li entro l-periodu ta' hames snin minn dawn il-kundanni hu rega' kkommetta r-reati mertu ta' din il-kawza w ergo rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll li ghamel reat fil-periodu ta' liberazzjoni taht liberta' kondizzjonata skond l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin.

Ghalhekk f' dan il-kaz, ladarba l-appellat ma kienx qed jigi akkuzat bl-addebitu tar-recidiva, l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn taghmel l-aqwa prova taghha w cioe' billi tigi esebita kopja awtentika tas-sentenza precedenti kif gie ritenut fil-kaz ta' **Sant** fuq citat. Pero', meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali tal-appellat w, una volta li fuq il-korretteza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni, w ladarba minn din il-fedina penali kien jirrizulta ampjament li l-appellat kien recidiv, imissha ma applikatax l-artikolu 28A zbaljatament kif fil-fatt ghamlet. Illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza.

Konsegwentement l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu ben fondat u qed jigi akkolt.

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-provvediment tas-sentenza sospiza, ma kienetx prekluza milli tapplika xi provvediment taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti, wara li semghet lir-rapprezentant tad-ditta defrawdata mill-appellat, tara li jkun aktar fl-interess tal-istess ditta defrawdata li l-appellat ikun kostrett li jhallas l-ammont minnu mizapproprjat biex hekk ikun jista' jsir ir-*restitutio in integrum* ghas-sodisfazzjon tal-parti civili w forsi l-appellat jahtaf din l-ahhar opportunita' li qed tinghatalu biex jevita l-piena karcerarja bil-konsegwenzi kollha li din iggib maghha, minnflok ma jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva f' dan l-istadju li jirrendi tali hlas lura pratikament impossibbli. Ghalhekk tara li jkun aktar opportun li fic-cirkostanzi partikolarissimi ta'  dan il-kaz, ghandha tpoggi lill-appellat taht *probation* bil-kondizzjonijiet kollha li jinsabu kontenuti fil-*probation order* hawn anness, liema kondizzjonijiet jekk jinkisru jew ma jigux osservati skrupolozament minnu jkunu jistghu jwasslu biex din il-Qorti mbaghad tittratta mieghu skond il-ligi ghar-reati minnu ammessi w li taghhom instab hati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin w fejn a tenur tal-artikolu 28H ordnat lill-appellat li jirrestitwixxi lill-parti offiza l-ammont ta' Ewro 5097.79, u minnflok, wara li rat l-art. 7 u  24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellat jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin u bil-kondizzjonijiet kollha imposti fl-imsemmi ordni w senjatament dik tal-hlas lura tal-ammont bilancjali ta' € 5097.79 minn dak mizapproprjat w tikkonfermaha fil-kumplament taghha fejn iddikajrat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrieh u minnu ammessi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellat.

**QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF DR. JOSEPH GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

**ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)**

**IL-QORTI,**

Billi Josef Abela hawnhekk izjed 'l quddiem imsejjah "il-hati", gie llum misjub hati

1) Li b' mezzi kontra l-ligi , billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz', jew billi nqeda' b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz , jew ta' krediti immaginarji , jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn LM1,000 (illum Ewro 2329.37c) ghad-dannu tal-kumpanija P. Cutajar Limited u xi persuni ohra u
2) Li approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra , minn haga ta' haddiehor, li kienet fdata jew kunsinnata lilu , fil-kapacita' tieghu ta' salesman taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat u cioe' approprja ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn LM1000 (illum Ewro 2329.37c), liema flejjes jappartjenu lill-Kumpanija P. Cutajar Limited u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat u dan minnhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju.
**U billi l-Qorti jidrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-hati, illi huwa spedjenti li taghmel Ordni ta’ Probation.**

U billi fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-Ordni (inkluza l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta’ **<u>tlitt snin</u>**<u>, </u>ikun jista’ jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qeghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta’ din il-Qorti.

Ghalhekk tordna li Josef Abela residenti Block C , number 3, Triq it-Tarzna, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 159178 M, bin Martin u Maria Dolores sive Doris nee' Brignioli ikun ghal perjodu ta’ **<u>tlitt snin</u>**, mid-data ta’ din l-Ordni, taht is-sorveljanza tad-**<u>Direttur tas-Servizzi tal-Probation</u>**, u tordna wkoll li l-hati, ghall-perjodu fuq imsemmi, ghandu jhares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. li huwa ghandu jgib ruhu tajjeb u jghaddi hajja ta' bzulija;
2. li huwa ghandu jgharraf minnufih lill-ufficjal tal-Probation b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol tieghu;
3. li huwa ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi li jinghataw, minn zmien ghall-iehor, mill-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjara tal-istess Ufficjal tal-Probation fid-dar tieghu;
4. li ma jikkommetti ebda reat iehor tul il-periodu ta' tlitt snin ta' din l-ordni.
5. Li fi zmien sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru mil-lum ihallas lis-socjeta' P. Cutajar Limited is-somma ta' hamest elef u sebgha u disghin Euro u disgha w sebghin Euro centezmu (E5097.79)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------